# Il-Baned u l-Festi f'Malta



**Francis Pace**

Il-poplu Malti jaf u jrid u jħobb jiddeverti. Il-festi tagħna l-Maltin huma tradizzjonijiet soċjo-kulturali u reliġjuzi tal-poplu. Jorganizzahom il-poplu. Jekk in-nies ma jattendux għall-festi, jista' ma jsir xejn. Jista' jkollna festi mingħajr baned? Ma nistax nimmaġina kif. Il-baned jiġbu n-nies lejn il-festi, iferrħu lin-nies. Il-kazini tagħna twaqqfu u huma magħrufin bħala 'KAŻINI TAL-BANDA', mela allura, il-banda għandha tkun il-qofol tal-attivitajiet ta' kull każin matul is-sena kollha. Il-banda għandha tiġi l-ewwel u qabel kollox. Kull każin jaħdem matul is-sena kollha sabiex matul il-ġimgħa tal-festa, il-banda tallegra u tferraħ lin-nies, bil-mużika u l-marċi sbieħ tagħha.

Hawnhekk fil-qosor sejrin naraw kif żviluppat il-banda Maltija matul is-snin, kif inhi iffurmata banda, u wkoll liema strumenti jintużaw. Illum daħlet id-drawwa wkoll li, minbarra l-festa tal-belt jew raħal, il-Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa, jsiru wkoll bosta kunċerti fi swali speċjalment matul l-istaġun tax-xitwa. Dawn il-kunċerti ikunu jikkomemoraw xi anniversarju jew ġrajja importanti tal-kazin partikulari, jew xi akkademja mużiko-letterarja. Dan huwa mezz ieħor sabiex l-arti tal-mużika tibqa' ħajja u tiżviluppa. F'dawn il-kunċerti, wieħed jista' jikkonċentra iżjed fuq il-kwalità u livell għoli ta' eżekuzzjoni ta' dak li l-banda kapaci toffri. Xi baned għamlu isem sabiħ lil Malta meta marru jdoqqu b'suċċess barra minn xtutna.

Nibdew billi nagħtu ħarsa lejn l-istrumenti li jiffurmaw il-banda. L-istrumenti naqsmuhom f'kategoriji differenti li insejħulhom familji. Mela għandna il-familja tal-korda, tan-nifs, tal-qasba, tar-ram, u l-perkussjoni. Fil-banda nużaw strumenti tan-nifs barra il-perkussjoni li fiha il-katuba, it-tamburlin, u l-pjatti. L-istrumenti tal-qasba, jinkludu l-klarinetti, *saxaphones* filwaqt li dawk tar-ram jinkludu il-kurunetti, Korni, Trumbuni, Althorns, Eufonji, Baxxi. Importanti ħafna li l-ħoss tal-banda jkun wieħed bilanċjat, fis-sens illi xi strumenti ma jissuperawx lil oħrajn b'tali mod li dawn tal-aħħar lanqas jinstemgħu. Għalhekk hu importanti kif tkun iffurmata l-banda. Hija komuni fil-festi tagħna li l-baned ikollhom mhux inqas minn 60 bandist. Fuq kollox huwa ferm importanti li l-banda tkun intonata tajjeb.

Niġu issa biex naraw x'tip ta' mużika jdoqqu l-baned Maltin. Ma nistgħux ma nibdewx bil-marci. Il-marċ Malti huwa kompożizzjoni tonali, b'melodiji sempliċi imma tal-widna (kif ngħidu) imqassam fi tliet taqsimiet, fejn l-aħħar parti tissejjaħ TRIO. Aktarx ikun dan it-Trio li jagħmel marċ isbaħ minn ieħor. Huwa meħtieġ li jkun hemm ċertu kuntrast bejn taqsima u oħra. Hemm marċijiet klassiċi u marċ popolari, jew brijużi. Kull każin tal-banda jagħmel ħiltu kollha biex ikollu l-isbaħ marċi. Kull Kazin għandu l-Innu Marc partikulari tiegħu. Dawk il-baned bl-isbaħ marċi, jiġbdu l-aktar folol ta' nies warajhom. Surmastrijiet bħal Vincenzo Ciappara, Anthony Aquilina, Willie Attard, Joseph Vella, Joseph Sammut, Andrew Coleiro, Angelo Pace, Ray Sciberras, John Mamo, Archibald Mizzi, Hector Dalli, Alfred Farrugia u oħrajn, kitbu fost l-isbaħ marċi ta' pajjiżna. Ċerti surmastrijiet, isimhom jibqa' sinonimu ma' ċerti baned partikulari. Angelo Pace, filwaqt li tul il-karriera twila tiegħu kien ukoll surmast ta' każini oħra, fosthom LA STELLA, tar-Rabat Għawdex, uffiċjalment dam aktar minn 52 sena imexxi l-banda tal-Kazin LA STELLA tal-Gudja.

Ta' min isemmi hawnhekk, li fil-bidu tas-seklu għoxrin, bosta baned Maltin bdew iġibu surmastrijiet barranin, speċjalment Taljani. Fosthom insemmu lil Gardenio Botti, Gregorio Lucia u Giuseppe Vitaliti, Giovanni Giumarra, u Aurelio Doncic. Għalhekk, ma setax jonqos l-influwenza Taljana fil-marċi tagħna. Din tispikka l-aktar fil-marċi funebri li nisimgħu fiż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fil-fatt bosta kazini jippossjedu marċi funebri Taljani fl-arkivji tagħhom. Dan ġara fiċ-ċar l-aktar fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

Il-marċi funebri huwa aspett ieħor importanti fl-iżvilupp tal-baned Maltin. Għalkemm il-marċ funebri, huwa mqassam bħal marci l-oħra, jiġifieri bi tliet taqsimiet, pero il-funebri idaħħlek fl-ispirtu tal-Ġimgħa Mqaddsa meta tisimgħu. Hawnhekk ukoll, filwaqt li l-importazzjoni ta' marċi funebri mill-Italja ma naqsitx, inkitbu fost l-isbaħ marċi funebri minn kompożituri Maltin.

Wieħed ta' min jgħid li fl-ewwel nofs tas-seklu 19, jiġifieri qabel ma bdew jitwaqqfu l-kazini tal-banda, fil-knejjes tagħna diġa' kienu qed isiru festi lill-qaddisin. Kienet tiddomina il-mużika fil-ġranet tal-festa ġewwa l-knisja. Il-Kavallieri ta' San Ġwann ħallewlna wirt imprezzabli ta' mużika sagra. Minn meta ġew Malta fis-sena 1530 sa ma tkeċċew minn Napuljun fis-sena 1798, għaddew 268 sena, l-Ordni ta' San Ġwann bnew kultura mużikali fost l-aqwa fl-Ewropa. Kienu jġibu mużiċisti u kantanti taljani professjonisti. Mużiċisti Maltin marru jistudjaw il-mużika l-Italja, speċjalment ġewwa Napli, kif ukoll Franza. Twaqqfu l-Kappelli Mużikali ta' San Pawl tal-Imdina u wara ta' San Gwann, Valletta. Ir-rivalità li kienet tezisti bejn il-Cappella Nani u dik ta' Bugeja, kienet tinħass l-aktar minn min kien kapaci jikkomponi l-isbaħ mużika, għall-festi ġewwa l-knejjes. Jingħad li l-Kappella Nani kienet tieħu ħsieb madwar 35 festa imxerrda ma Malta kollha. Dan kien kważi nofs il-festi li kienu jsiru f'Malta fl-aħħar tas-seklu 19 u fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Fis-sena 1839, l-amministratur kolonjali, jiġifieri l-Imperu Ingliż, ħareġ digriet fejn ta aktar libertajiet lil Maltin, l-aktar fil-libertà tal-istampa. Il-poplu Malti ma kellu ebda sfog fuqiex jitkellem, la rikreattiv, la kulturalment, u lanqas politiku. Għalhekk, il-poplu Malti issa kellu iktar fiex jheda. Bdew jiġu ippublikati aktar gazzetti bil-Malti, bit-Taljan, u bl-Ingliz, u allura l-poplu beda jiddiskuti u jikkummenta fuq il-gazzetti u kotba oħra li kienu joħorġu kull ġimgħa jew kull xahar. Fl-isfond ta' dan kollu bdew jikkritikaw, jikkumentaw ifaħħru jew imaqqdru dak li diġa' kien qed isir fil-knejjes tagħna, speċjalment matul xi ċelebrazzjonijiet ta' xi festi reliġjuzi. L-attenzjoni żejda waqgħet fuq il-festi reliġjużi li diga kienu jsiru ġewwa l-knejjes tagħna, speċjalment fuq il-mużika waqt il-festi. Ma ninsewx li fil-knejjes tagħna diġa' kienet qed tindaqq mużika ta' Paolo Nani, Vincenzo Bugeja. Fis-sena 1840, Paolo Nani kiteb dik li aktarx hi l-ewwel antifona li nkitbet f'Malta, jiġifieri 'SANCTE PAULE' li għadha tindaqq sal-ġurnata tal-lum kull sena fil-festa ta' San Pawl il-Belt Valletta. Hawnhekk nistgħu ngħidu li twieldet l-antifona li titkanta fil-festi ġewwa l-knejjes tagħna.

Fit-tieni nofs tas-seklu 19, il-mużika profana f'Malta kienet ikkonċetrata u ddominata mill-opra lirika Taljana. Mużika Maltija operistika kwazi ma sar xejn, bejn għax l-impresarji u l-kantanti kienu kollha taljani, kif ukoll għax l-opra taljana kienet fl-aqwa tagħha. Biżżejjed insemmu lil Giuseppe Verdi, Gaetano Donizetti, Vincenzo Bellin, Giacomo Puccini, Gioacchino Rossini. Dawn l-opri kienu ikkonċentrati ġewwa l-Belt Valletta fit-teatri, għas-sinjuri. Għalhekk il-Maltin bdew jiċċelebraw il-festi tagħhom. Issa ġara li l-mużika li bdiet tindaqq fil-knejjes Maltin kienet mużika xejn reliġjuża anzi kienet kwazi operistika b'taħlita ta' valzi, gaballetti u arias meħudin minn ċerti opri, fuq kliem reliġjuż. Għalhekk il-poplu Malti kien xorta waħda qed jisma mużika operisstika fil-knejjes u bla ħlas ukoll.

F'dan l-isfond kollu, fi ftit snin, jiġifieri fis-sena 1851 twaqqfet l-ewwel banda f'Malta, il-banda San Filep' ta' Ħaż-Żebbuġ. Minn hawnhekk, allura bdiet l-istorja tal-kazini tal-banda. Għalhekk, wara li bdew jiġu ċċelebrati festi ta' qaddisin fil-knejjes tagħna, bdew jitwaqqfu il-każini tal-banda biex kull belt u raħal jiċċelebra l-festa "ta' barra" tal-qaddis jew qaddisa tar-raħal tiegħu.

Kif diġa għidna aktar il-fuq, "*.... Il-Maltin kienu jħobbu iktar jixxalaw mill jħabblu rashom fuq il-problemi ekonomiċi nazzjonali. Il-Maltin kollha ta' kull klassi kienu jħobbu t-teatru, u f'dawk is-snin (fil-bidu tas-seklu 20), kellhom il-fortuna li semgħu għall-ewwel darba fost entużjażmu kbir, x'uħud mill-isbaħ opri Taljani li ma kienx ilhom li nkitbu. Ta kull sena t-teatru kien jagħti opra ġdida u ġieli tnejn. Fil-Manoel kien hemm teatru tal-varjeta'.* (Rajt Malta tinbidel, H. Ganado. P. 14)

*Il-baned tal-ibliet u l-irħula kien jdoqqu l-opri fil-pjazez u għall-festi. Il-festi kienu l-għaxqa ta' missirijietna. In-nisa tal-irħula, li dari bil-familji kbar li kellhom, ftit*

*ħlief għall-knisja, kienu jħallu d-dar u l-għalqa, kienu jisfugaw fil-festa tar-raħal tagħhom u fil-festi qrib tagħhom. Kienu jżanżnu l-libsa u jxiddu d-deheb kollu, barbazzar, imsielet, ċrieket, labar, ċappetti, li kienu jkunu ħadu dota.* (Rajt Malta Tinbidel, H. Ganado. p. 14).

*Is-Socjetà għolja kellha l-kazini tagħha. Il-poplu kellu f'kull belt u rahal il-każini tal-baned".* (Rajt Malta Tinbidel. H. Ganado p.14

Hawnhekk ta' min wieħed isemmi kif żviluppaw l-affarijiet. Interessanti l-fatt li bosta każini l-ewwel iffurmaw orkestra. Wara xi zmien imbagħad din l-orkestra ġiet mibdula f'banda. Hekk ġara fil-każ tagħna l-kazin LA STELLA ġewwa l-Gudja. Meta twaqqaf il-kazin fis-sena 1919, giet iffurmata orkestra biex tieħu sehem fil-festa tal-Madonna tar-Ruzarju. L-ewwel surmast tagħha kien Vincenzo Caruana. Fis-sena 1936, din l-orkestra ġiet mibdula għal banda.

Issa nagħtu ħarsa lejn żminijiet aktar reċenti. L-istorja turina li l-baned f'Malta minn dejjem kienu jirriflettu l-qagħda socjo-ekonimika tal-pajjiz. Jigifieri xi kwalità ta ħajja kienu qed jgħixu l-Maltin. Nieħdu per eżempju fiż-żmien ta' wara l-aħħar gwerra dinjija. Matul il-snin ħamsinijiet u sittinijiet tas-seklu 20, il-kazini bdew isofru minn nuqqas ta' membri, u specjalment bandisti. Dan minħabba li dawk iż-żminijiet, l-emigrazzjoni kienet fl-aqwa tagħha lejn l-Awstralja u l-Kanada. Fil-fatt illum nafu lil-Maltin tal-Awstralja u l-Kanada, jiċċelebraw xi festi bħalna l-Maltin. Għandhom anke xi baned bhal *Our Lady Queen of Peace Maltese Band* ġewwa *New South Wales*, l-Awstralja. Dan il-fatt joħroġ ċar, jekk wieħed jifli sewwa t-tabella li tidher hawn, fejn tikkonferma li lanqas li infettħu kazini ġodda huwa fil-perijodu ta' bejn iż-żewg gwerer, jigifieri fis-snin tal- '20, '30 u '40 tas-seklu għoxrin, meta id-dinja kollha kienet għaddejja mill-akbar riċessjoni mondjali. L-ewwel banda li kellha nisa bandisti hija l-banda San Gorg ta' Ħal-Qormi.

Min-naħa l-oħra, fi żminijiet fejn il-pajjiż ikun miexi tajjeb soċjalment u ekonomikament, il-baned jiffjorixxu, bħalma ġara dawn l-aħħar 40 sena, kemm minħabba li l-popolazzjoni kibret minħabba l-*baby-boom* ta' wara l-aħħar gwerra, fejn il-baned reġgħu ħadu r-ruħ, kibru fin-numru u saru iżjed professjonali, anke minħabba li llum hawn ħafna izjed tagħlim tal-mużika. Jekk nieħdu kemm kunċerti jsiru fis-swali, speċjalment matul l-istaġun tax-xitwa, naraw kemm ċerti baned laħqu livelli ta' eżekuzzjoni tajbin. Drawwiet oħra jeżiżtu bħalma bosta huma dawk il-każini li joħorġu CD's fl-okkazzjoni tal-festa, jew marċi funebri għall-Ġimgħa Mqaddsa.

Ta' min isemmu wkoll illi fis-sena 1993, il-Ministeru tal-Kultura ta' dak iż-żmien kien organizza festival tal-baned Maltin fuq bażi ta' kompetizzjoni. Kien hemm il-ħsieb li dan isir kull sentejn. Hija veru ħasra li dan il-festival sar darba biss, minħabba l-problemi li qalgħu ċerti kazini stess.

F'dawn l-aħħar 30 sena, miċ-ċensimenti li għamlet il-knisja kattolika f'Malta, joħrog ċar li l-attendenza tal-Maltin fil-quddies tal-ħadd naqset drastikament, Naqsu wkoll in-numru ta' Maltin li jipprattikaw ir-reliġjon. Min-naħa l-oħra, illum għaddejja diskussjoni f'Malta biex jiġu kkontrollati l-esaġerazzjonijiet fil-festi tagħna. Allura ir-raġuni tgħidlek li qed isir ħafna iżjed xogħol b'inqas nies. Dan jgħodd speċjalment għall-banda. Hawnhekk bl-ebda mod ma rrid innaqqas mid-dedikazzjoni, l-impenn u s-sagrifiċċji kbar li għamlu missirijietna biex illum għandna każini, baned u storja hekk sabiħa tal-festi f'Malta. Filwaqt li s-servizzi tal-baned żdiedu, in-numru ta' bandisti, kif ukoll l-impenn ta' xi bandisti f'dawn l-aħħar snin donnu naqas xi ftit. Minn naħa l-oħra, illum il-kazini tal-banda tant ġew investiti flus, xiri ta' strumenti, etc. fihom illi saru jagħmlu parti mill-patrimonju kulturali u artistiku nazzjonali.

Hawnhekk qed nipproduċi tabella tal-baned f'Malta u Għawdex, kronoloġikalment. Huwa ferm faċli biex wieħed jiġbed xi konkluzjonijiet. Naraw illi filwaqt li fis-seklu 19, kienu twaqqfu 38 banda f'Malta u 2 ġewwa Għawdex, il-banda LA STELLA u l-banda LEONE, it-tnejn tar-Rabat Għawdex. B'kuntrast fl-ewwel nofs tas-seklu 20 twaqqfu biss 22 banda. Fil-perijodu ta' bejn iż-żewġ gwerer mondjali infetħu biss 10 każini; u fiż-żmien tar-reċessjoni mondjali ta' qabel it-tieni gwerra, infetħu biss 2 kazini. Dan kollu jikkonferma dak li għidt hawn fuq li fi żmien ta' prosperità fil-pajjiż, kollox jimxi 'l quddiem. Ħaġ'oħra interessanti huwa l-fatt li fis-sena 1987, infethu mhux inqas minn sitt każini tal-banda. Ta' min jinnota wkoll li certi bliet kbar fosthom, Ħaż-Żebbuġ, Ħal-Qormi, il-Ħamrun, Birkirkara, tas-Sliema u San Ġiljan hemm każini. Hemm bliet jew irħula fejn hemm żewġ każini tal-banda issir festa waħda; fejn hemm żewġ każini, issir festa tat-titular u l-oħra sekondarja, Post uniku ġo Malta huwa l-Gudja, fejn iż-żewg każini tal-banda jiċċelebraw il-festa sekondarja tagħhom, il-Madonna tar-Ruzarju u l-Madonna taċ-Ċintura, kif ukoll it-tnejn jagħtu s-sehem tagħhom fil-festa titulari ta' Santa Marija. Il-festa ta' Santa Maria tal-Gudja naħseb li hija l-unika waħda li ma għandiex kazin tagħha.

Ser nagħtu issa ħarsa lejn it-waqqif tal-Kazini tal-banda ġo Malta u Għawdex, skond is-sena li twaqqfu.

BANED MALTIN.

(*Sena kronologika)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | San Filep | Żebbuġ | 1851 * |
| 2. | De Rohan,San Guzepp | Żebbuġ | 1860 |
| 3. | Beland | Żejtun | 1860 |
| 4. | Konti Ruggieru | Rabat | 1860 |
| 5. | L'Isle Adam | Rabat | 1860 |
| 6. | San Gorg | Bormla | 1862 |
| 7. | Pinto, San Bastjan | Qormi | 1862 |

| | | |
|---|---|---|
| 8. Peace | Naxxar | 1862 |
| 9. Annunziata, | Tarxien | 1862 |
| 10. Santa Katerina | Żurrieq | 1864 |
| 11. Tal-Karmnu | Żurrieq | 1865 |
| 12. Duke of Connaught | B'Kara | 1865 |
| 13. Queen's Own | Senglea | 1865 |
| 14. Nicolo Isouard | Mosta | 1871 |
| 15. Santa Maria | Għaxaq | 1873 |
| 16. San Guzepp | Għaxaq | 1874 |
| 17. La Valette, | Valletta | 1874 |
| 18. King's Own | Valletta | 1874 |
| 19. San Gusepp | Għaxaq | 1874. |
| 20. Banda Vilhena | Floriana | 1874 |
| 21. Unjoni | Luqa | 1880 |
| 22. SantAndrija | Luqa | 1880 |
| 23. Sant'Andrija | Lija | 1880 |
| 24. Maria Mater Gratiae | Żabbar | 1883 |
| 25. San Nikola | Siġġiewi | 1883 |
| 26. San Lawrenz | Birgu | 1883 |
| 27. San Guzepp | Kirkop | 1886 |
| 28. San Guzepp, | Ħamrun | 1889 |
| 29. Maria Annunzjata | Balzan | 1890 |
| 30. Prince of Wales | Birgu | 1891 |
| 31. San Mikiel | Żabbar | 1892 |
| 32. San Ġorg Martri, | Qormi | 1893 |
| 33. La Stella Levantina | Attard | 1894 |
| 34. Tal-Ġilju | Qrendi | 1895 |
| 35. Sagra Familja, | Kalkara | 1897 |
| 36. Kristu Re, | Paola | 1898 |
| 37. Sant'Elena, | Birkirkara | 1899 |
| 38. San Leonardu, | Kirkop | 1899 |
| 39. San Piju X, | Lija | 1905 |
| 40. San Gejtanu, | Ħamrun | 1906 |
| 41. La Vittoria, | Mellieħa | 1907 |
| 42. King George V S. Maria | Mqabba | 1910 |
| 43. Tal-Gilju, | Mqabba | 1911 |
| 44. Santa Maria, | Qrendi | 1911 |
| 45. Stella Maris | Sliema | 1914 |
| 46. La Vittoria, | Naxxar | 1916 |
| 47. Santa Liena, | B'Kara | 1919 |
| 48. La Stella, | Gudja | 1919 |
| 49. Madonna taċ-Ċintura | Gudja | 1919 |
| 50. San Gabriel, | Balzan | 1920 |

| | | |
|---|---|---|
| 51. Santa Maria, | Dingli | 1920 |
| 52. Melita | Msida | 1922 |
| 53. Sagra Familja, | Kalkara | 1923 |
| 54. Sliema | Sliema | 1923 |
| 55. San Giljan | San Ġiljan | 1927 |
| 56. San Pawl | Safi | 1929 |
| 57. Imperial, | Mellieħa | 1930 |
| 58. Zejtun Band | Żejtun | 1933 |
| 59. Trinita Qaddisa, | Marsa | 1946 |
| 60. San Pawl | San Pawl il-Baħar | 1947 |
| 61. Mount Carmel, | Gżira | 1948 |
| 62. Tal-karmnu, | Gżira | 1948 |
| 63. San Pietru fil-Ktajjen, | Birżebbuġa | 1957 |
| 64. 12th May, | Żebbuġ | 1961 |
| 65. Santa Venera | Santa Venera | 1964 |
| 66. Lourdes | Paola | 1977 |
| 67. Maria Regina, | Marsa | 1977 |
| 68. Kuncizzjoni, | Ħamrun | 1979 |
| 69. Maria Annunziata, | Balzan | 1980 |
| 70. Sant'Antnin, | Birkirkara | 1983 |
| 71. Santa Maria, | Dingli | 1985 |
| 72. San Gwann | San Ġwann | 1985 |
| 73. San Bartilmew, | Għargħur | 1985 |
| 74. Madonna tal-Karmnu, | Fgura | 1985 |
| 75. Santa Maria | Mosta | 1986 |
| 76. Anici, | Qormi. | 1987 |
| 77. San Giljan | San Ġiljan | 1987 |
| 78. San Gusepp, | Kalkara | 1987 |
| 79. San Girgor | Sliema | 1987 |
| 80. Spinola | San Ġiljan | 1987 |
| 81. Tal-Karmnu (Balluta) | San Ġiljan | 1987 |
| 82. Banda Birżebbuġia | Birżebbuġa | 1990 |
| 83. Sant'Anna | Wied il-Għajn | 1994 |
| 84. Pompei | Marsaxlokk | |
| Għawdex | | |
| 85. La Stella, | Victoria, | 1863 |
| 86. Leone, | Victoria, | 1863 |
| 87. San Guzepp | Għajnsielem | 1928 |
| 88. Prekursur, | Xewkija, | 1929 |
| 89. Victory | Xagħra | 1934 |
| 90. Imnarja | Nadur | 1967 |
| 91. San Girgor | Kerċem | 1987. |
| 92. Santa Maria, | Żebbuġ, | 1995 |

| | | |
|---|---|---|
| 93. Santa Margerita, | Sannat, | 1996 |
| 94. Ite Ad Joseph | Qala | 1997 |
| 95. Vizitazzjoni | Għarb, | 2003 |

***Referenzi:***

** Is-sena li twaqqfet banda. Mhux kull kazin uża l-istess kriterji biex jikkonfermad-data tat-twaqqief tiegħu. Min uża l-ewwel laqgħa tal-kumitat, hemm min b'digriet quddiem nutar, u oħrajn.*

*Diversi websites rispettivi.*

*Joe Vella Bondin. "Il-muzika ta' Malta sa l-ahhar tas-Seklu 18. PIN 2000. No. 18.*

*Joe Vella Bondin. "Il-muzika ta' Malta fis-Seklu 19 u 20." PIN 2000. No. 19.*

*L-Istorja tal-Kazini tal-Baned Vol.1,2,3. (PIN). 1997.*

*"La Valette" Socjeta' Filarmonika Nazzjonali; L-ewwel mitt sena Storja" Rev. John Ciarlo.*

Francis Pace
5 ta' Frar 2011.

Copyright @ Francis Pace 2011

Dawk il-ġenituri li jixtiequ li
uliedhom jiġu mgħallma xi strument,
**IS-SOĊJETÀ LA STELLA**
qiegħda toffri dan is-servizz b'xejn.
Għal kull informazzjoni
avviċina lill-membri
mill-Kumitat